# Eżami għad-Dħul
# fl-Ewwel Sena tal - *Junior Lyceum*

# 2010

# RELIĠJON

# TIKTEB XEJN F'DAN L-ISPAZJU

## Taqsima 1 (10 marki)

**Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **kollox** | **Alla** | **għaqal** | **niswew** | **xbieha** |
| **qawwi** | **ħalaqna** | **tiegħek** | **jgħix** | **jitħawwad** |

1. L-affarijiet kbar u sbieħ li hawn fid-dinja ħalaqhom __________________.
2. Ġob kien jitħasseb u __________________ meta kien jara li fid-dinja mhux kollox miexi sew.
3. Alla deher lil Ġob u dan fehem kemm kien bla __________________ meta jitkellem fil-vojt.
4. Ġob qal lill-Mulej : "Mulej, int taf __________________. Int biss taf x'inhu l-aħjar. Ikun imbierek isem il-Mulej."
5. Permezz tat-teleskopju u l-mikroskopju u strumenti oħrajn illum qed niskopru kemm Alla huwa kbir u __________________, u kemm aħna għadna ma nafu xejn fuqu.
6. Ejjew nitolbu mal-Bibbja u ngħidu : "Int, O Sid, tħobb kull ma __________________ u tagħder lil kulħadd, għax kollox huwa __________________."
7. Alla __________________ u jibqa' jżommna ħajjin billi jagħtina lil min jieħu ħsiebna.
8. Alla tana xi ħaġa minn tiegħu. Hu ħalaqna __________________ tiegħu.
9. Aħna għal Alla __________________ ħafna aktar minn kull ħaġa oħra.

## Taqsima 2 (10 marki)



**Il-Quddiesa**

**Kompli dawn is-sentenzi biex turi li taf x'jiġri fil-quddiesa.**

1. Fil-bidu tal-quddiesa aħna nagħrfu dnubietna u għalhekk __________________________.
2. Fl-ewwel parti tal-quddiesa aħna nisimgħu l-qari __________________________.
3. Fl-Evanġelju nsibu l-Aħbar it-Tajba ta' Ġesù għax fih insibu l-__________________________ u t-tagħlim tiegħu.
4. Fil-Kredu aħna nistqarru __________________________ tagħna.

5. Fl-Offertorju aħna noffru l-ħajja kollha tagħna permezz tal-ħobż u l-inbid li ntellgħu fuq l-__________________________.

6. Il-ħobż isir il-ġisem ta' Ġesù meta l-__________________________ jgħid, "Ħudu u kulu; dan hu ġismi."

7. Biex nuru li aħna familja waħda ngħidu t-talba tal-__________________________ li għallimna Ġesù stess.

8. Fit-tqarbin Ġesù mhux biss jagħmilna ħaġa waħda miegħu imma jrid ukoll jgħaqqadna __________________________.

9. Bil-paċi li nagħtu lil xulxin, aħna rridu nuru li nixtiequ nkunu __________________________ ma' kulħadd.

10. "Morru fil-paċi ta' Kristu" hija t-tislima li permezz tagħha s-saċerdot jibgħatna nkunu xhieda ta' Ġesù __________________________.

## Taqsima 3 (10 marki)

**Is-sagramenti jgħaqqduna ma' Alla.**

**Ikteb żewġ sentenzi qosra dwar kull sagrament biex turi x'ifissru għalina l-Insara.**



- Il-Magħmudija
  1. ________________________________________
  2. ________________________________________
- Il-Griżma tal-Isqof
  1. ________________________________________
  2. ________________________________________
- Il-Qrar
  1. ________________________________________
  2. ________________________________________
- It-Tqarbin (L-Ewkaristija)
  1. ________________________________________
  2. ________________________________________
- Iż-Żwieġ
  1. ________________________________________
  2. ________________________________________

## Taqsima 4 **(10 marki)**

**Persunaġġi mill-Bibbja**

**Kompli s-sentenza biex turi li taf min huma dawn il-persunaġġi:**

1. Il-Maġi________________________________________.
2. Santa Eliżabetta____________________________________.
3. San Ġwann Battista__________________________________.
4. San Pietru________________________________________.
5. San Tumas________________________________________.
6. Mosè __________________________________________.
7. San Ġużepp _______________________________________.
8. Il-Madonna _______________________________________.
9. L-Anġlu Gabrijel____________________________________.
10. Pilatu __________________________________________.

## Taqsima 5 **(10 marki)**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi timla n-numri minn 2 sa 11 fil-kolonna vojta fin-nofs. L-ewwel waħda hija eżempju.**

| | *Kolonna* A | | *Kolonna* B |
|---|---|---|---|
| 1. | Fl-Avvent aħna nippreparaw ruħna | | jgħaqqadna ma' Ġesù u m'Alla l-Missier. |
| 2. | Aħna nemmnu li Alla hu wieħed | | biex inkunu xhieda tiegħu kull fejn inkunu. |
| 3. | Lilna, l-Ispirtu s-Santu | **1** | għall-miġja ta' Ġesù fostna bħala tarbija. |
| 4. | Ħadd ma jmur għand il-Missier | | biex nsiru nixbhuhom. |
| 5. | L-aktar ġrajja importanti fil-ħajja ta' Ġesù | | mirakli kbar. |
| 6. | Fil-festa tal-Epifanija niftakru li | | biex nuru li aħna nemmnu dak kollu li għedna. |
| 7. | Ġesù jibgħatna | | Ġesù ġie biex isalva lil kulħadd. |
| 8. | Ġesù għamel ħafna | | jekk mhux permezz ta' Ġesù. |
| 9. | Aħna nitgħallmu fuq il-Madonna u l-qaddisin | | hija l-qawmien tiegħu mill-mewt. |
| 10. | Fit-talb | | fi tliet Persuni. |
| 11. | Meta nitolbu ngħidu 'Ammen' | | aħna nitkellmu ma' Alla. |

## Taqsima 6 **(10 marki)**

**Agħmel sing taħt il-kelma jew il-frażi t-tajba.**

1. Fid-Duluri aħna nfakkru (t-twelid, t-tbatija, l-mewt) ta' Marija.
2. Aħna nsiru wlied Alla meta (nitwieldu, nitgħammdu, mmutu).
3. L-akbar festa għalina l-Insara hija l-festa (tal-Milied, tal-Għid, ta' Kristu Re).
4. Fit-Testment il-Qadim Alla għażel lill-poplu (Lhudi, Eġizzjan, Ruman) bħala l-poplu tiegħu.
5. L-erba' Evanġelji nsibuhom (fl-Atti tal-Appostli, fit-Testment il-Ġdid, fit-Testment il-Qadim).
6. Ix-xemgħa li nixegħlu f'Sibt il-Għid tissejjaħ (blandun, xemgħa kbira, xemgħa tal-Kandlora).
7. Il-post fejn imorru l-Lhud biex jitolbu nsejħulu (knisja, moskea, sinagoga).
8. Il-Knisja hija mibnija fuq l-Appostli u għalhekk tissejjaħ (Qaddisa, Kattolika, Appostolika).
9. Il-Knisja, li tiġbor fiha u ssalva lill-bnedmin kollha, tissejjaħ (Waħda, Qaddisa, Kattolika).
10. Il-Kmandamenti jgħinuna biex inħobbu aktar lil Alla u (lilna nfusna, lill-oħrajn, lil pajjiżna).

## Taqsima 7 **(15-il marka)**

**Aqra dan li ġej u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



Fil-ktieb ta' 'L-Atti tal-Appostli' naqraw li San Pawl kien sejjer Ruma biex jagħti xhieda tal-fidi tiegħu f'Ġesù. Minħabba li kienet ix-xitwa, San Pawl beża' li l-vjaġġ kien ser ikun ta' periklu għal kulħadd. Huma u sejrin lejn Kreta biex imorru Ruma, qam riefnu u l-ġifen beda miexi bi tbatija. It-tempesta damet erbatax-il lejl u fl-aħħar waslu qrib l-art. San Pawl qalilhom li kollha jsalvaw jekk jibqgħu fuq il-ġifen u għamlilhom kuraġġ. Hu radd ħajr lil Alla, beda jiekol il-ħobż u stieden lil kulħadd biex jagħmel bħalu. Kulħadd kiel u xeba' u stennew il-jum jisbaħ. Meta ħelsu mill-għarqa, saru jafu li dik il-gżira kien jisimha Malta.

Il-kittieb ta' 'L-Atti tal-Appostli' jgħidilna li l-Maltin ġabu ruħhom bi ħlewwa liema bħalha. Alla jħobb lil min hu twajjeb u tana rigal kbir: il-fidi f'Ibnu Ġesù. Dan għamlu permezz ta' San Pawl.

Din is-sena qegħdin niċċelebraw il-miġja ta' San Pawl f'Malta li seħħet elf disa' mija u ħamsin sena ilu. Il-Papa Benedittu XVI ġie fostna biex iġedded fina din il-fidi li twasslet lilna minn San Pawl.

1. F'liema ktieb tal-Bibbja nsibu r-rakkont tan-nawfraġju ta' San Pawl?

   ________________________________________ (marka)

2. X'ordni tahom San Pawl biex kulħadd isalva ħajtu?

   ________________________________________ (marka)

3. X'qal San Pawl biex kulħadd jagħmel kuraġġ?

_______________________________________________ (marka)

4. X'għamel San Pawl qabel ma beda jiekol il-ħobż?

_______________________________________________ (marka)

5. Kif ġabu ruħhom in-nies ta' Malta ma' San Pawl u sħabu?

_______________________________________________ (marka)

6. Illum min jieħu ħsieb il-familja Nisranija (il-Knisja) fid-dinja?

_______________________________________________ (marka)

7. X'jismu l-Arċisqof ta' Malta?

_______________________________________________ (marka)

8. X'rigal tana Alla permezz ta' San Pawl?

_______________________________________________ (marka)

9. Għalfejn ġie Malta l-Papa Benedittu XVI?

_______________________________________________ (marka)

10. 'Jiena nista' nġedded fija l-fidi Nisranija li twasslitli permezz ta' San Pawl.'

Ikteb tliet sentenzi biex turi kif inti, bħala Nisrani/Nisranija, għandek iġġib ruħek **meta tkun fil-knisja**.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 marki)

Ikteb tliet sentenzi dwar kif inti, bħala Nisrani/Nisranija, għandek iġġib ruħek **barra l-knisja**.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 marki)

## Taqsima 8 (10 marki)

**Aqra din is-silta mill-Evanġelju ta' San Luqa. Wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



**Il-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa (Lq 15, 1-7)**

Il-pubblikani u l-midinbin kienu jersqu bi ħġarhom biex jisimgħuh. U kemm il-Fariżej kif ukoll il-kittieba kienu jgergru u jgħidu: "Nies midinba jilqa' għandu dan u jiekol magħhom!" U Ġesù qabad u qalilhom din il-parabbola: "Min hu dak fostkom li jkollu mitt nagħġa u jitlef waħda minnhom u ma jħallix id-disgħa u disgħin l-oħra fid-deżert biex imur wara l-mitlufa sa ma jsibha? U meta jsibha, jifraħ biha u jerfagħha fuq spallejh, imur id-dar, isejjaħ għandu lil ħbiebu u 'l-ġirien, u jgħidilhom, 'Ifirħu miegħi, għax sibt in-nagħġa li kienet intilfitli.' Ngħidilkom li l-istess jiġri fis-smewwiet: ikun hemm aktar ferħ għal midneb wieħed li jindem milli għal disgħa u disgħin bniedem tajjeb li ma kellux bżonn ta' ndiema."

1. Minn dak li qrajt, min kienu dawk li jħobbu jisimgħu lil Ġesù?

_______________________________________________

2. Għaliex il-Fariżej u l-kittieba kienu jgergru kontra Ġesù?

_______________________________________________

3. Min huma n-nagħaġ li fuqhom kien qed jitkellem Ġesù?

_______________________________________________

4. Min taħseb li tista' tkun in-nagħġa l-mitlufa?

_______________________________________________

5. X'jagħmel ragħaj tajjeb meta jinduna li ntilfitlu nagħġa?

_______________________________________________

6. Għaliex lil Ġesù nxebbhuh ma' ragħaj tajjeb?

_______________________________________________

7. X'jagħmel ir-ragħaj meta jsib in-nagħġa l-mitlufa?

_______________________________________________

8. Din il-parabbola kif turi kemm Ġesù, ir-ragħaj it-tajjeb, hu ħanin?

_______________________________________________

9. X'qalilna Ġesù dwar x'jiġri fis-sema meta xi ħadd midneb jindem?

_______________________________________________

10. Jekk aħna nagħmlu d-dnub inkunu bħan-nagħġa l-mitlufa.
    X'nistgħu nagħmlu biex Ġesù jerġa' jifraħ bina?

_______________________________________________

## Taqsima 9 (15-il marka)

**Wieġeb il-mistoqsijiet wara li taqra din il-ġrajja.**

Peter kien miexi fil-kampanja. Il-kuluri tal-fjuri u l-għana tal-għasafar fakkruh fil-kobor t'Alla li ħalaq kollox.

F'daqqa waħda ra karozza ġejja tiġri lejh. Is-sewwieq kien tilef il-kontroll tal-karozza, tela' fuq il-bankina u laqat lil Peter.

Il-karozza baqgħet dieħla ġo ħajt. Għalkemm muġugħ, Peter mar jgħin lis-sewwieq biex joħroġ minn ġol-karozza għax rah qed ibati biex joħroġ waħdu.

Wara xi żmien Peter ħareġ mill-isptar u dam ħafna sakemm fieq għal kollox. Peter ħafer lis-sewwieq li tajru, għalkemm iddispjaċih ta' li ġralu. Hu dejjem jirringrazzja 'l Alla li għadu ħaj. Hu jieħu sehem f'xogħol volontarju u jgħin fil-komunità tar-raħal tiegħu.

1. X'fakkar lil Peter fuq Alla hu u miexi fil-kampanja?

_______________________________________________(marka)

2. X'għamel Peter meta ra li s-sewwieq ma setax joħroġ mill-karozza waħdu?

_______________________________________________(marka)

3. Peter ħafer lis-sewwieq. X'għallimna Ġesù fil-'Missierna'?

_______________________________________________(marka)

4. Għaliex Peter kien jirringrazzja lil Alla?

_______________________________________________(marka)

5. X'tana Alla biex jurina kemm iħobbna? Agħti żewġ eżempji.

_______________________________________________(2 marki)

6. Aħna mhux dejjem napprezzaw il-ħajja li tana Alla.

   (a) Agħti żewġ eżempji ta' kif għandna nieħdu ħsieb **ħajjitna**.

   _______________________________________________

   _______________________________________________ (2 marki)

   (b) Agħti żewġ eżempji ta' kif għandna nieħdu ħsieb **il-ħajja tal-oħrajn fit-triq**.

   _______________________________________________

   _______________________________________________ (2 marki)

7. Ikteb ħames sentenzi biex turi kif inti, bħala Nisrani/Nisranija, tista' tgħin fil-komunità tal-lokal fejn toqgħod.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(5 marki)



**L-Eżami għad-Dħul fl-Ewwel Sena tal-*Junior Lyceum* 2010**
**Ir-Reliġjon – L-Iskema tal-Marki**

**Taqsima 1** **(Marka 1 x 10 = 10 marki)**

**Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet:**

1. Alla
2. jitħawwad
3. għaqal
4. kollox
5. qawwi
6. jgħix, tiegħek
7. ħalaqna
8. xbieha
9. niswew

**Taqsima 2** **(Marka 1 x 10 = 10 marki)**

1. jiddispjaċina/nitolbu maħfra
2. mill-Bibbja/tal-kelma t'Alla
3. ħajja/mirakli
4. l-fidi/t-twemmin
5. artal
6. qassis/patri
7. Missierna
8. ma' xulxin/flimkien/bħala familja
9. ħbieb
10. kullimkien/fid-dinja

**Taqsima 3** **(Marka 1 x 10 = 10 marki)**

**Is-sagramenti jgħaqqduna ma' Alla.**

1. Ulied Alla; Aħwa ta' Ġesù; Tempji tal-Ispirtu s-Santu; Membri tal-Knisja; Turina kemm Alla jħobbna.
2. Alla jagħtina l-Ispirtu s-Santu; l-Ispirtu s-Santu jgħaqqadna ma' Ġesù, Jagħtina l-qawwa, Jagħmilna xhieda ta' Ġesù .
3. Rigal ta' paċi; Ġesù jaħfrilna dnubietna; Jagħmilna paċi ma'Alla; Jagħmilna paċi ma' xulxin.
4. Nirċievu lil Ġesù fina; Ġesù jgħaqqadna miegħu; Jgħaqqadna flimkien bejnietna; Jagħtina x-xewqa li nsiru aħjar; Jgħinna biex inkunu paċi ma' kulħadd.
5. Il-miżżewġin jibnu familja; Għaqda bejn raġel u mara; Il-ġenituri jgħinu lil uliedhom jikbru fl-imħabba ta' Alla u ta' xulxin; Il-ġenituri jirrispettaw lil xulxin.

**Taqsima 4** **(Marka 1 x 10 = 10 marki)**

1. Il-Maġi : Għorrief; Ġew jaduraw lil Ġesù; Tawh ir-rigali.
2. Santa Eliżabetta: Omm Ġwanni l-Battista; Laqgħet lil Marija; 'Imbierka inti fost in-nisa'.
3. Mosè: Mexxa lill-poplu Lhudi; Għamel għeġubijiet f'isem Alla; Irċieva l-kmandamenti.

4. San Pietru: Wieħed mill-appostli; Suċċessur ta' Kristu; L-ewwel Papa.
5. San Tumas: Wieħed mill-appostli; 'Mulej tiegħi u Alla tiegħi'; Ried imiss lil Ġesù b'idejh.
6. San Ġwann Battista: Għammed lil Ġesù; Leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert; Bin Eliżabetta.
7. San Ġużepp: Kien jieħu ħsieb Ġesù; L-għarus ta' Marija; Kien mastrudaxxa.
8. Il-Madonna: Omm Ġesù; Tgħinna; Id-Duluri.
9. L-Anġlu Gabrijel: Deher lill-Madonna; Taha l-aħbar tat-tnissil ta' Ġesù; Mibgħut minn Alla.
10. Pilatu: Ikkundanna lil Ġesù għall-mewt; Gvernatur Ruman; Ħasel idejh mill-mewt ta' Ġesù.

**Taqsima 5** **(Marka 1 x 10 = 10 marki)**

3, 7, **1**, 9, 8, 11, 6, 4, 5, 2, 10

**Taqsima 6** **(Marka 1 x 10 = 10 marki)**

1. t-tbatija
2. nitgħammdu
3. tal-Għid
4. Lhudi
5. fit-Testment il-Ġdid
6. blandun
7. sinagoga
8. Appostolika
9. Kattolika
10. lill-oħrajn

**Taqsima 7** **(15-il marka)**

**Minn 1 sa 9 – Marka 'l waħda.**

1. Fl-Atti tal-Appostli.
2. Biex kollha jibqgħu fuq il-ġifen.
3. Qalilhom li lkoll se jsalvaw/Stedinhom jieklu xi ħaġa.
4. Hu radd ħajr lil Alla.
5. Ġabu ruħhom bi ħlewwa liema bħalha.
6. Il-Papa (Benedittu XVI).
7. Mons. Pawlu Cremona.
8. Il-fidi.
9. Biex iġedded fina din il-fidi.
10. Noqgħod attent/a għall-qari; Nitqarben; Inkanta mal-oħrajn. **(Marka 1 x 3 = 3 marki)**
11. Ngħin lill-oħrajn; Naħrab id-dnub; Inkun ta' eżempju tajjeb. **(Marka 1 x 3 = 3 marki)**

**Taqsima 8** **(Marka 1 x 10 = 10 marki)**

1. Il-pubblikani u l-midinbin.
2. Għax Ġesù kien jilqa' għandu l-midinbin (u jiekol magħhom).
3. Aħna lkoll.
4. Min jagħmel id-dnub/Kollha kemm aħna.

5. Imur warajha sa ma jsibha.
6. Għax jieħu ħsieb il-merħla tiegħu.
7. Jifraħ biha; jerfagħha fuq spallejh; isejjaħ għandu lil ħbiebu u lill-ġirien biex jifirħu miegħu.
8. Għax Ġesù jibqa' jiġri wara l-midneb sakemm dan jindem.
9. Ġesù qalilna li fis-sema jkun hemm ferħ kbir.
10. Nuru ndiema.

**Taqsima 9** **(15-il marka)**

**Mistoqsijiet 1 sa 4 – Marka 'l waħda.**
**Mistoqsijiet 5, 6a, 6b – 2 marki 'l waħda.**
**Mistoqsija 7 – 5 marki (Marka għal kull sentenza).**

1. Il-kuluri tal-fjuri u l-għana tal-għasafar.
2. Mar jgħinu.
3. Li għandna 'naħfru lil min hu ħati għalina'.
4. Għax baqa' ħaj.
5. Il-ħajja; l-ambjent ta' madwarna; il-ġenituri; il-ħbieb; l-ikel.
6. a. Billi noqogħdu attenti biex ma nimirdux; nieħdu ikel sustanzjuż; ma nfittxux il-periklu. (*Tnejn minn dawn*)
   b. Ma nsuqux bl-addoċċ; ma nilagħbux fit-triq; ma naqsmux it-triq kif ġie ġie. (*Tnejn minn dawn*)
7. Inżur xi anzjan/a biex ngħinu/ha; nieħu l-homework lil xi student marid; nibża' għall-ambjent ta' madwari; indoqq il-kitarra waqt il-quddiesa; nagħmel karità ma' min hu fil-bżonn; inżomm kumpanija lil xi ħadd imwarrab. (*Ħamsa minn dawn, jew oħrajn li jagħmlu sens.*)